# QORTI ĊIVILI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tlieta**
**Tmienja (8) ta' Novembru 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1259/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Mary Grech (ID 39233M)**

**Vs**

**Mary Anne Carbonaro (249338M), Anne Mckenna (435949M) personalment u għan-nom tal-assenti Melinda Frendo (454236M) u ta' Jennifer Doe (Passaport Ingliż bin-numru 517634878), Yana Bland Mintoff (706451M), il-Perit Christopher Mintoff (432486M), Marcelle Mangion (250856M), Stephanie Mintoff, Edith Cachia (642561M), Lilian Wismayer (740554M), Dr Edwin Mintoff (452158M), Dominic Mintoff (745162M), Astrid Mintoff (261937M), Lawrence Joe Mintoff' (795359M), Daniela Spiteri (424074M), Bernardette Aquilina (243272M), Dottor Maria Concetta sive Marcon Ali (331561M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fit-30 ta' Settembru 2022 minn Mary Grech fejn talbet lil dina l-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli:

    *Illi l-esponenti noe, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm u tinibixxi lill-konvenuti milli jbiegħu u/jew jittrasferixxu il-propjetà bin-numru wieħed (1), blokk numru tlieta (3), Triq Marsamxett, il-Belt Valletta, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha, reġistrata fid-Dipartiment tal-Art bħala tenement 'X' ħamsin elf, erba' mija u sitta u erbgħin (X 50446), u bħala Housing Authority file numru mija tmienja u disgħin tas-sena elf, disa' mija u tmienja u sebgħin (198/1978), senjatament skont il-konvenju tat-2 ta' Novembru, 2022 kif imġedded u emendat permezz tal-iskrittura datata s-27 ta' Jannar, 2022 u kwalunkwe skrittura sussegwenti.*

2. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2022, il-Mandat ta' Inibizzjoni ġie milqugħ provviżorjament filwaqt illi appuntatu għas-smiegħ għall-20 ta' Ottubru 2022.

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti flimkien mal-Mandat ta' Inibizzjoni, ossija Kuntratt ta' Akkwist ta' dan numru wieħed (1), Blokk tlieta (3), Triq Marsamxett, il-Belt Valletta illi sar fit-23 ta' Lulju 1981 (fol 7), Konvenju datat 2 ta' Novembru 2016 (fol 10), estensjoni tal-konvenju datat 27 ta' Jannar 2022 (fol 16) u estensjoni tal-konvenju datat 18 ta' Lulju 2022 (fol 21).

4. Rat ir-risposta ta' l-intimati kollha ppreżentata fis-7 ta' Ottubru 2022 fejn oġġezzjonaw għal dak mitlub fejn qalu, inter alia, "*illi dan il-mandat huwa tentattiv ieħor ddisprat tar-rikorrenti Mary Grech sabiex ma jsirx il-bejgħ tal-fond li jinsab 1 Block 3 Triq Marsamxett Valletta*".

5. Rat id-dokumentazzjoni eżebiti mill-intimati, ossija sentenza tal-Qorti tal-Appell Rik Nru 294/17 fl-ismijiet '***Mary Anne Carbonaro et vs Mary Grech***' deċiża fis-27 ta' Jannar 2021 (fol 34) u sentenza tal-Qorti tal-Appell Rik Nru 349/16 fl-ismijiet '***Edith Cachia et vs Mary Grech***' deċiża fl-1 ta' Frar 2022 (fol 45).

6. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2022 il-konsulenti tar-rikorrenti talbet differiment sabiex tkun tista' titratta il-Mandat f'seduta oħra.

7. Rat illi fit-3 ta' Novembru 2022, il-proċeduri ġew irtirati mir-rikorrenti fil-konfront ta' Christopher Mintoff u Stephanie Mintoff.

8. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-3 ta' Novembru 2022.

## Ikkunsidrat

9. Tosserva illi r-rikorrenti qiegħda tibbaża il-pretensjoni tagħha fuq il-fatt illi, fl-estenzjoni tas-17 ta' Jannar 2022 tal-konvenju oriġinali illi kien sar fit-2 ta' Novembru 2016, kienet iddaħħlet kundizzjoni ġdida, ossija illi x-xerrej ġie konċess il-fakolta' li jottjeni faċilita' bankarja sabiex jakkwista l-fond.

10. Tosserva wkoll illi fis-sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrent tisħaq illi hija offriet illi takkwista l-fond hija stess sa minn qabel ma ġie ffirmat il-konvenju peress illi xtaqet żżomm il-propjeta hija stess.

11. Tosserva wkoll illi, permezz ta' konvenju datat 2 ta' Novembru 2016, l-intimati kollha, bħala sidien ta' 6/7 tal-fond meritu tal-inibizzjoni odjerna, qablu illi jbiegħu l-fond lil Scala Developments Limited w il-konjuġi George u Nathalie Cefai, għal liema konvenju r-rikorrenti, sid ta' 1/7 tal-fond, ma ffirmatx.

12. Jirriżulta illi sussegwentement, l-intimati intavolaw proċeduri quddiem il-Prim' Awla, Qorti Ċivili, a tenur tal-Artikolu 495A, sabiex jinbiegħ il-fond, fejn il-Prim' Awla, Qorti Ċivili, permezz ta' sentenza tal-11 ta' Ottubru 2018, kif ukoll il-Qorti tal-Appell, permezz ta' sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, ċaħdu l-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti u

laqgħu t-talba ta' l-intimati sabiex il-fond jiġi mibjugħ kif miftiehem fil-konvenju tat-2 ta' Novembru 2016.

13. Jirriżulta illi l-konvenju tat-2 ta' Novembru 2016 ġie mġedded fit-2 ta' Mejju 2018 u sussegwentement, reġa' ġie mġedded fis-27 ta' Jannar 2022 u fit-28 ta' Lulju 2022.

14. Jirriżulta illi, fl-estenzjoni tal-konvenju tas-27 ta' Jannar 2022, l-intimati kienu qablu illi, b'żieda ma' dak ġia miftiehem fil-konvenju tat-2 ta' Novembru 2016, tiżdied kondizzjoni fejn il-bejgħ kien soġġet għall-kundizzjoni illi x-xerrej jottjeni faċilita bankarja tal-11 ta' April 2022.

15. Jirriżulta illi fit-28 ta' Lulju 2022, l-konvenuti estendew il-konvenju max-xerrejja, taħt l-istess kundzzjonijiet, fejn il-kuntratt finali kellu jsir sat-30 ta' Settembru 2022.

16. Jirrizulta illi fit-30 ta' Settembru 2022, ir-rikorrenti intavolat il-Mandat ta' Inibizzjoni odjern u għalhekk il-kuntratt finali ma sarx.

## Ikkunsidrat

17. Tosserva illi, mill-assjem tal-fatti u dokumenti kollha esebiti, jidher ċar illi l-azzjoni odjerna hija biss tentattiv ieħor tar-rikorrenti sabiex twaqqaf illi jsir il-bejgħ ta' propjeta' illi hija għandha in kompropjeta ma' l-intimati, liema bejgħ ġie awtorizzat mill-Qrati, għal darba darbtejn.

18. Jirriżulta fiċ-ċar illi r-rikorrenti ma tista' ssofri ebda preġudizzju jekk il-bejgħ awtorizzat mill-Qorti jsir, peress illi dan ġie ordnat mill-Qorti u, l-kundizzjoni illi hija taggrappa magħha sabiex tiġġustifika l-azzjoni odjerna, hija kundizzjoni illi ċertament ma tista' qatt tirrekalha preġudizzju, għax fl-agħar ipoteżi jekk il-kundizzjoni li minnha qed tilmenta sseħħ w ix-xerrej ma jottjenix is-self bankarju, il-bejgħ tal-fond eventwalment ma jseħħx u x-xewqa tagħha li l-fond ma jinbiegħx issir realta. Għalhekk, ċertament preġudizzju irrimedjabbli ma jirriżultax ippruvat.

19. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti w it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi l-iffirmar tal-kuntratt finali ma huwiex ser joħloq preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrenti.

20. Għalhekk it-talba kif minnha mressqa ma' timmeritax illi tiġi akkordata.

## Deċiżjoni finali

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-30 ta' Settembru 2022 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif propost, u għalhekk:

**Tirrevoka** '*contrario imperio*', id-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru 2022 fejn laqgħet il-Mandat provviżorjament.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**